**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Supt. Paul Sammut)**

**- vs -**

**Christopher Mifsud**

Seduta tal-lum 26 ta' Jannar 2001.

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Christopher Mifsud ta’ 19-il sena, iben Vincent u Cettina xebba Buttigieg, Karta ta’ l-identita’ numru 21274 (G), kif riportati a fol. 1 tal-process bil-mod segwenti:

> Billi inti akkuzat talli fil-11 ta’ Dicembru, 1994 ghall-habta tal-11.20pm waqt li kont issuq vettura Nru. F-0012 ta’ ghamla Honda, matul Triq ir-Rabat (Ta’ Xhajma), Nadur, Ghawdex, b’imprudenza, b’negligenza, b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghek, u b’nuqqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma’ karozza Nru. V-0103 ta’ ghamla Mazda b’rizultat li kkaguna il-mewt ta’ Christopher Spiteri ta’ 25 sena, iben Emanuel u Angela xebba Cassar li kien joqghod 8, tal-Hniena Road, Xewkija, Ghawdex. Barra minn hekk akkuzat ukoll talli soqt l-istess vettura b’velocita’ eccessiva u aktar ikkagunajt griehi hfief fuq il-persuna ta’ Claudette Camilleri minn Nadur, Ghawdex, skond kif iccertifika Dr Michael Refalo MD ta’ l-Isptar Generali ta’ Ghawdex. Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija timpedixxi lill-imputat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien ta’ mhux anqas minn sena.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali tat-23 ta’ Marzu 2000 fejn baghat lill-imputat sabiex ikun iggudikat minn din il-Qorti taht dak li hemm mahsub fl-artikoli 225, 226, 20 u 33 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 18 tal-Kap. 65 u l-Avviz Legali 128 ta’ l-1994 u dan skond l-artikolu 370(3) tal-Kap. 9;

Rat illi l-imputat iddikjara li m’ghandux oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu ikun trattat bl-istess procedura;

Semghet il-provi bil-gurament;

Semghet ukoll l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fis-seduta tat-13 t' Ottubru 2000;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi minkejja l-ammissjoni din il-Qorti hija konsapevoli tal-fatt illi l-parte civile, fl-iter tal-process, espremiet id-dubbji taghha kif il-vittma ta' l-incident spiccat f'ghalqa vicin il-karozzi mahbuta u dan minghajr ma kien hemm hsarat fil-vettura kompatibbli ma' dan il-fatt u cioe` fejn di solitu jkun hemm xi windscreen imkisser jew hwejjeg simili minn mnejn tkun ghaddiet il-vittma. Minn ezami bir-reqqa tal-atti processwali kollha jirrizulata illi meta ntalqtet il-vettura misjuqa mill-vittma din kienet f'pozizzjoni angulata fuq il-lemin taghha. Minn din l-istess pozizzjoni il-vettura daret ghal numru ta' drabi izda qatt ma spiccat mahbuta ma' hajt. Minhabba l-impatt huwa verosimili illi x-xufier vittma spara 'l barra mit-tieqa tan-naha tieghu ghaliex il-vettura prattikament sparat minn tahtu gia la darba fid-direzzjoni li ntlaqtet. Magenb ic-cint bil-knaten imtajjrin instabu xi audio cassettes mkissrin. Dawn kienu fil-vettura u sparaw 'l barra fl-istess direzzjoni tal-vittma. Irid jinghad illi l-impatt kien wiehed vjolenti hafna. Ex admissis l-imputat kien qed isuq b'velocita` ta' bejn 130 u 150 K.F.S.

In-nomina ta` espert mekkaniku kif ukoll fotografiji tal-vittma qabel l-awtopsja, oltre n-nomina ta' espert mediku tal-forensika kien jitfa' aktar dawl fuq dan il-kaz u jelimina d-dubji sollevati. Izda irid jinghad ukoll illi mir-ritratti esebiti jista' jkun determinat illi l-vettura tal-vittma ma kienitx wieqfa fil-hin tal-incident. Il-"handbrake" kien imnizzel u l-vettura kienet "on gear". Oltre dan jirrizulta mill-Perizja ta' l-A.I.C. Guido Vella illi l-hgiega tat-tieqa tal-bieba tal-lemin u cioe` dik tax-xufier vittma kienet nieqsa wara. Dan huwa ndikazzjoni ohra illi ma' l-impatt, il-vittma ad litteram taret minn postha proprju minn din it-tieqa;

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-ammissjoni hija kompatibbli mal-fatti speci kaz in dizamina.

Ghal dawn il-mottivi issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali u fl-artikolu 15(1) (a) tal-Kap 65 tal-Kap. 9.

Wara li rat il-fedina penali ta' l-imputat u tenut kont ukoll ta' l-ammissjoni, din il-Qorti hi tal-fehma illi l-avventura ta' l-imputat f'din it-tellieqa mal-vittma kienet wahda bla qies u bla kont tal-konsegwenzi probabbli kif fil-fatt sfortunatament sehh. Dan muhiex incident stradali ta' rutina izda incident li seta' kien evitat li ma kienx ghall-bluwa ta' l-imputat u tal-vittma. Oltre dan mill-atti processwali jirrizulta illi l-imputat bl-ghajnuna tal-gharusa tieghu pruvaw jostakulaw il-kors tal-gustizzja billi taw xhieda xejn kompatibbli mall-fatti speci ta' l-incident. Ghalhekk il-Qorti thoss ili l-piena f'din il-kawza ghanda tirrispekkja il-gravita` ta' l-akkadut u ghalhekk

tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkommetti rejat iehor punibbli bi prigunerija u dan fi zmien sentejn mill-lum ai termini ta’ l-artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Oltre dan, ai termini tal-artikolu 15 (2) tal-Kap. 65. Il-Qorti hija obbligata illi tiskwalifika lill-imputat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien ta’ mhux inqas minn sena u ghalhekk qieghda tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tmintax-il xahar mil-lum.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur